**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (32)



Id-dgħajsa tal-Midalji Bormliża Malta

Intervista interessanti oħra għax ħarġitna 'l barra minn xtutna hi din li qed taqraw illum – intervista li jien kont għamilt li Salvu Formosa, li fost il-barklori u n-nies li kienu joqogħdu fl-inħawi tal-Ponta u l-Gardjola kien magħruf bħala l-Pasalv.

Lil Salvu kont sirt nafu meta aħna rġajna lura l-Isla wara l-gwerra. Kien joqgħod ftit 'il bogħod minna fi Triq is-Sirena, u jien u t-tifel tiegħu David konna ħbieb ħafna. Jien niftakar lil Salvu fl-aqwa tiegħu, kemm bħala barklor kif ukoll bħala wieħed mill-aqwa qaddiefa li kellha l-Isla fis-snin 50 u 60.

Niftakar ukoll lil missieru, li kien jismu wkoll Salvu, u li wkoll kien qaddief tajjeb ħafna fi żmienu. Din l-intervista kont għamiltilu fiddar tiegħu meta kien ilu snin li qata' mill-qdif. Salvu kien raġel dħuli ħafna, ta' ftit kliem u mżejjen b'memorja friska u ċara. Fl-ewwel mistoqsija tiegħi tlabtu jgħidli x'jiftakar dwar it-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra:

"Niftakar lil missieri jaqdef fil-Ferilli kemm qabel il-gwerra kif ukoll warajha avolja kien kiber sew. Wara l-gwerra, bil-ħila ta' numru sabiħ ta' dilettanti li kellhom għal qalbhom it-tiġrijiet tad-dgħajjes, fosthom Gustu u ħuh Salvu Cachia (Battajola), Ċikku l-Blokk, is-Surmast Borg, Salvu Mizzi (il-Pajsu), Ġużeppi Formosa (In-Niger), Kieli Degiorgo l-Favett u ħafna barklori tal-Ponta kienu organizzaw mill-ġdid id-distrett tagħna.

"Peress li numru sabiħ ta' qaddiefa li konna nieħdu sehem qabel il-gwerra konna għadna fl-aħjar tagħna, kienu avviċinawna u talbuna biex nerġgħu nieħdu sehem fir-Regatta, u s'intendi jien u xi wħud minn sħabi Ġorġ Caruana (il-Bubbli John), Toni Farrugia (iż-Żbiba), Leli Micallef (in-nanna Klara) Lorry Caruana, (ta' Karnivala) u oħrajn erġajna nżilna fid-dgħajjes u ksibna suċċess mill-ewwel.

"Fis-snin 50 u 60 aħna rbaħna ħafna paljijiet, u konna waqqafna rekord ta' seba' rebħet konsekuttiva fid-dgħajjes tal-Midalji, li sal-lum għadu ħadd ma kisru.

"Għalina bħala qaddiefa u għall-Isla kien żmien sabiħ! Wara l-gwerra aħna rbaħna għadd kbir ta' paljijiet, u komplejna nissaħħu aktar milli konna qabel il-gwerra. Kien żmien ta' glorja, fejn aħna bħala distrett iddominajna kull Regatta."

*Salv, inkun korrett jekk ngħid li int qdift kemm fid-dgħajjes ta' bl-Erbgħa kif ukoll fid-dgħajjes ta' bi Tnejn wara l-gwerra?*

" Iva … fl-aħħar tas-snin 30 jien qdift u rbaħt il-palju tad-dgħajjes ta' Bl-Erbgħa … imbagħad bl-istess ekwipaġġ bdejna nieħu sehem ukoll wara l-gwerra u erġajna l-palju ta' bl-Erbgħa, u mhux darba biss.

"Il-palju ta' bi tnejn rbaħtu wkoll ma' Louis Mallia fil-bidu tas-snin sittin u daħna t-tieni mhux darba. Jien bħall-barklori sħabi l-oħra konna naqdfu minn qalbna, qatt ma ħarisna lejn il-flus, konna naqdfu għax inħobbu r-Regatta u lill-Isla.

"Il-premju tal-palju f'dak iż-żmien kien miżeru, u aħna minkejja li l-għaxjien tagħna bid-dgħajsa kien iebes ħafna, qatt ma tlabna xejn. Mhux talli hekk, li anke matul il-provi li konna nibdewhom f'nofs Awwissu jew xi ftit qabel, min jaf kemm tlifna xogħol.

"Il-provi fil-kanal kienu jkunu iebsin ħafna, u aħna bħall-ekwipaġġi tad-distretti l-oħra konna nippruvaw intejbu l-ħin minn prova g] all-o]ra. Ġieli ħadna t-triq darbtejn, u l-aħħar waħda konna neħudha fit-tard.

*X'differenza tara bejnkom il-barklori u l-qaddiefa (dilettanti) ta' żmienna?*

"Aħna konna barklori u l-qaddiefa li kienu jieħdu sehem fit-tiġrija kienu jkunu kollha barklori, u ta' qabilhom ukoll. Fi żmienna bdew jieħdu sehem magħna xi baħrin ta' Sant' Anġlu li kienu jaqdfu fil-Wejliet, kemm magħna, kif ukoll mal-Marsa u l-Birgu, u mingħalija Bormla kellhom lil xi ħadd ukoll. Aħna kellna lil Louis Mallia, iżda jidhirli li kien hemm xi ħadd ieħor ukoll – kif għidtlek, dawn il-baħrin kienu qaddiefa regolari tal-Wejliet, kienu jitħarrġu kuljum għal ħafna ħin, u kienu qaddiefa mill-aqwa għax kienu jeħduha kontra l-aqwa qaddiefa tan-Navy Ingliża.

"Anke t-tmunier tagħhom Wenzu Zarb (il-Bożin) kien tmunier Fil-Frejgatini tagħna. Meta waqafna aħna komplew it-tfal tal-barklori u magħhom żdiedu wkoll id-dilettanti. Fil-fehma tiegħi aħna għandna ħafna dilettanti li jippromettu, iżda l-qadfa tagħhom hi differenti minn tal-barklori … illum spiċċaw il-barklori, allura biex ir-Regatta tibqa' ħajja fil-port iridu jieħdu "over" qaddiefa oħra. Kif għedtlek, hawnhekk, il-Ponta għandna ħafna żgħażagħ li kapaċi jaqdfu. Il-barklor bħala qaddief, peress li xogħlu kien bid-dgħajsa , jekk kien jibqa' b'saħħu, allura kien ikun kapaċi li jibqa' jaqdef, anke 'il fuq minn 50 sena .

*Salv, fiż-żmienek int sifirt kemm-il darba ma' HMS Surprise f'diversi portijiet fosthom Venezja … hemmhekk rajt il-Gondola – opra li fl-għamla tagħha hi differenti ħafna minn tagħna … qatt tlajt fuq xi waħda minnhom?*

"Differenti ħafna … opra sabiħa iżda tagħna isbaħ ħafna minnha. Kif taf, perjodikament il-bastimenti tal-Flotta kienu jżuru diversi portijiet fil-Mediterran, bħal Messina, Napli, Lixandra, Venezja, Trieste, Rimini, Monaco, u portjiet oħra.

"Kull bastiment kien jieħdu miegħu dgħajsa b'żewġ qaddiefa, li normalment fil-port tagħna kienu jużwaha regolarment għall-użu tal-kaptan u l-uffiċjali tiegħu. Jien u sieħbi konna nsiefru fuq HMS Surprise, u s'intendi d-dgħajsa kienet tintuża mill-Commander-in-Chief u l-uffiċjali tal-bastiment biex jitwasslu minn fuq il-bastiment għall-art u viċi versa.

"Wieħed mill-portijiet li konna nżuru kien dak ta' Venezja. Meta l-Gondoliera Venezjani kienu jaraw id-dgħajsa Maltija, kien hemm min kien ifaħħarha u oħrajn ma kienu jikkummentaw xejn dwarha ... forsi għax ħdejn il-Gondola kienu jarawha tqila.

"S'intendi ħafna minnhom kienu jafu li f'Malta aħna wkoll għandna r-Regatta tagħna, u fiha aħna wkoll nġerru b'opri tradizzjonali bħalma jagħmlu huma fir-Regatta fil-kanal il-kbir ta' Venezja fil-bidu ta' Settembru, allura l-kummenti tagħhom nimmaġina li kienu varji.

"Jien tlajt fuq waħda, qdift kontra waħda minnhom u għaddejtha. … imma kif għedtlek qabel, il-Gondola hi opra sabiħa, iżda d-dgħajsa Maltija hi ferm isbaħ minnha!"

Nota: Interessanti huwa l-fatt, li skond l-informazzjoni li għandi, Salvu Formosa mhux biss tela' fuq Gondola, iżda fl-1964 ġerra kontra l-aħjar Gondolier Venezjan fil-kanal ta' Venezja.

Mid-dehra Salvu kien sema' xi kummenti dwar id-dgħajsa tiegħu (waħda mill-isbaħ dgħajjes ta' żmienu) li kienet tqila ħafna, ħa għalih u sfida lill-aqwa Gondolier li kellhom biex itellqu.

Il-Venezjan aċċetta l-isfida, iżda b'sorpriża kbira għalih u għal sħabu l-Gondolieri li kienu qegħdin isegwu t-tiġrija, id-dgħajsa l-Ħadra ta' Salvu l-Pasalv għaddiet lill-Gondola b'aktar minn żewġ tulijiet.

Il-Venezjani tant ħaduha bi kbira li d-dgħajsa Maltija (itqal minn tagħhom) għaddiet lil tagħhom proprju fil-kanal fejn ta' kull sena, nhar l-4 ta' Settembru, jorganizzaw it-tiġrija tradizzjonali tagħhom, li meta HMS Surprise reġa' għamel żjara f'Venezja, l-awtoritajiet tal-port ma kinux ħarġu l-permess biex id-dgħajsa Maltija titniżżel fil-kanal….